Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 1509/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 19 ta' Lulju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN J. GATT**

**VS**

**VICTOR SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Spiteri detentur tal-karta tal-identita` numru 449085M.

**Akkuzat illi:**

F'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta` Novembru 2003 gewwa Tas-Sliema:

a) Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Amandine Benard ta` nazzjonalita Franciza kontra l-volonta` taghha jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata liema persuna giet imhedda bil-mewt;

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta` Amandine Bernard ta` nazzjonalita Franciza;

c) Tallu fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma li taqa` u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna ta` Amandine Benard, kellu fil-pussess tieghu arma li taqta` u bil-ponta jew imitazzjoni ta` dawk l-oggetti;

e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel theddid jew ingurji lil Amandin Benard jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 86, 87 (1) (c) u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 6 u 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident partikolari li, allegatament, gara fit-23 ta' Novembru 2007.

Essenzjalment, jezistu zewg verzjonijiet ta` dan l-incident u hija, ghalhekk, kwistjoni ta` min din il-Qorti ghandha tikkredita b'ikbar kredibilita`. Dik tal-imputat u dik tal-allegat vittma peress illi hadd iehor ma kienx involut fl-incident.

Peress illi dan l-incident ilu li sehh u peress illi llum dik li ghamlet ir-rapport ilha li telqet minn dawn il-Gzejjer u wara li rat ir-rapporti tal-esperti psikjatriki, u specjalment dak li jikkonkludi illi l-imputat

"does not have an interest in the opposite sex"

din il-Qorti hija iktar propizja li temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat. Mhux hekk biss, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni tal-vittma hija wkoll definittivament teskludi intenzjoni sesswali da parte tal-imputat. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilliberah mill-akkuza b. Rigward l-akkuzi a u e, il-Qorti qed temmen lill-imputat u minnhom qed tilliberah. Bl-istess argument tilliberah ukoll mill-akkuzi (c) u (d). Tispecifika

wkoll illi din hija sikkina tal-kcina li wiehed normalment isib f'kull kcina Maltija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------